MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Numru. 298/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**V**

**VINCENT ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **VINCENT ZAMMIT** bin Salvu u Virginia nee Cachia, residenti 7, Triq c-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 60051G gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2006 kemm f'Malta kif wkoll f'Ghawdex:

1. Saq vettura tal-ghamla Mercedes ta' kulur beige bin-numru tac-chassis 12312312303843, magna numru 61691212066050 minghajr ma kellha

licenzja biex tkun fit-triq mahruga mill-Awtorita dwar t-Trasport ta’ Malta;
2. talli wahhal pjanci ta’ registrazzjoni [GAI 841] ma vettura tal-ghamla Mercedes meta dawn il-pjanci ma nhargux ghal din il-vettura mill-Awtorita tat-Trasport ta’ Malta u liema pjanci jirreferu ghal vettura ohra;

3. talli bhala detentur ta’ licenzja ta’ vettura AAP 617, ghamel uzu mill-imsemmija vettura bil-mutur jew halla jew ippermetta lil Jason Zammit juza l-imsemmija vettura fi zmien li l-licenzja tal-vettura kienet sospiza [garaxxjata];

4. talli nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Marzu 2006, kemm f’Malta kif wkoll f’Ghawdex, uza, ppermetta jew halla lil Jason Zammit, fis-sebgha w ghoxrin ta’ Marzu 2006 juza l-istess vettura tal-marka Mercedes meta ghal uzu ta’ din il-vettura minnu jew minn Jason Zammit ma kienx isehh polza t’assikurazzjoni dwar r-riskji ta’ terzi persuni;

5. talli fl-erbgha w ghoxrin ta’ Marzu 2006 f’Malta w Ghawdex, ghamel uzu minn marka ta’ registrazzjoni xort’ohra minn dik moghtija mill-Awtorita dwar xi vetturi bil-mutur partikolari.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 14(1), 24(4), 34(5), 51(5), 51(7)(e) tal-Avviz Legali numru 476/2004 u l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-affidavits ta’ PS 369 Joseph Mizzi, PS 645 Gerald Attard u ta’ PC 997 Joseph Busuttil, kif wkoll rat l-okkorrenza relattiva esibita fl-atti.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Saviour Farrugia bhala rappresentant tal-ADT.

Ikkunsidrat:

Illi **mill-affidavit ta’ PS 369 Joseph Mizzi** jirrizulta li fis-sebgha w ghoxrin ta’ Marzu 2006, huwa ntercetta vettura

tal-ghamla Mercedes ta' kulur beige b'numru ta' registrazzjoni GAJ 841 misjuqa minn Jason Zammit niezla mill-vapur t'Ghawdex fl-Imgarr. Huwa ghamel l-verifiki tieghu w irrizulta li l-pjanci GAJ 841 kienu jghajjtu lil vettura ohra tal-ghamla Renault 5 li hija registrata f'isem Jason Zammit, filwaqt li n-numru ta' registrazzjoni AAP 617 kien jghajjat lil Vincent Zammit l-imputat odjern fuq vettura Mercedes ta' kulur beige.

Huwa mbaghad tkellem ma' Jason Zammit u dan qallu li huwa kien nizel Malta bil-Mercedes sabiex ibiegh il-vettura.

Huwa kellem wkoll lil imputat Vincent Zammit li qallu li huwa kien silef l-vettura tal-ghamla Mercedes lil ibnu Jason Zammit u qallu li kien hu li wahhal l-pjanci tal-vettura tal-ghamla Renault fuq il-vettura tal-ghamla Mercedes, meta kien jaf li din l-vettura suppost li kienet iggaraxxjata. Qallu li ghamel hekk sabiex jipprova ibieghha. Ix-xhud esibixxa l-partikolaritajiet tal-vettura tal-ghamla Mercedes Benz registrata f'isem l-imputat Vincent Zammit b'polza tas-sigurta mas-socjeta AXA Assurance li ghalqet fil-wiehed u tletin ta' Jannar 2005.

**PC 977 Joseph Busuttil fl-affidavit tieghu** jghid li ra persuna maskili gewwa vettura tal-ghamla Mercedes Benz bin-numru ta' registrazzjoni GAJ 841 ta' kulur kannella li kienet ipparkjata quddiem il-Bank ta' Bir id-Deheb nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2006 ghalkemm minn kien go din il-vettura ma kienx jafu.

**PS 645 Gerald Attard ikkonferma** li hu wkoll ghamel ricerka fuq il-vettura tal-ghamla Mercedes Benz ta' kulur kannella w irrizulta li din tghajjat lil imputat Vincent Zammit u li n-numru ta' registrazzjoni taghha ma kienx dak imwahhal fuqha u cioe GAJ 841 ghaliex dan kien jghajjat lil vettura tal-ghamla Renault 5 registrata f'isem Jason Zammit.

Illi fid-dsatax ta' Ottubru 2006, **xehed Saviour Farrugia** rappresentant tal-ADT li kkonferma li l-vettura tal-ghamla Mercedes ghandha n-numru ta' registrazzjoni AAP 617 u

kienet tghajjat lil imputat Vincent Zammit sa mit-tletin ta' Dicembru 2005 u li giet garaxxjata nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 2005 filwaqt li l-vettura tal-ghamla Renault 5 bin-numru ta' registrazzjoni GAJ 841 kienet tghajjat lil Jason Zammit u dan mid-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 u li l-licenzja thallset fil-wiehed u tletin ta' Lulju 2005.

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u lanqas ma ressaq provi w irrimetta ruhu ghal atti processwali.

Ghalhekk **il-Qorti tiddikjara,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 14(1), 24(4), 34(5), 51(5), 51(7)(e) tal-Avviz Legali numru 476/2004 u l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, li **ssib lil imputat VINCENT ZAMMIT hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' elf u hames mitt [1500] lira maltin.**

**Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed taghti l-fakulta lil imputat ihallas l-multa msemmija f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin [50] lira maltin u f'kaz li l-imputat jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------